MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2005

Rikors Numru. 774/2005

**Fl-atti tar-rikors nru 774/2005 tas-17 ta' Awissu 2005 tad-Direttur għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali**

Il-qorti:
Reġgħet rat ir-rikors u d-dikriet tas-17 t'Awissu 2005;
Rat it-tweġibiet;
Rat id-dokumenti u l-atti fil-proċess;
Semgħet ix-xhieda;
Qieset it-trattazzjoni ta' l-avukati;
Rat illi t-talba magħmula fir-rikors, sabiex it-tfal minuri jintbagħtu lura l-Awstralja, hija mibnija fuq il-premessa illi l-omm "biddlet ir-residenza abitwali tagħhom mingħajr il-kunsens" tal-missier. Il-qorti iżda ma hijiex sodisfatta illi r-residenza abitwali tat-tfal ma kinitx, bil-kunsens taż-żewġ ġenituri, f'Malta.
Qieset il-fatt illi, wara illi t-tfal inġiebu Malta miż-żewġ ġenituri flimkien:
1. il-misssier sab xogħol f'Malta;
2. it-tifel intbagħat l-iskola f'Malta;

3. il-ġenituri għamlu arranġamenti biex il-ħwejjeġ mobbli tagħhom jinġiebu Malta;  u
4. ma sar xejn biex tinbigħ ir-residenza f'Malta.

Dan kollu juri illi l-ħsieb tal-ġenituri kien li jiġu Malta biex joqogħdu hawnhekk flimkien ma' wliedhom, u għalhekk ir-residenza tat-tfal kienet, bil-kunsens taż-żewġ ġenituri, f'Malta.  Qiegħed fuq ir-rikorrent l-oneru li juri illi r-residenza kienet l-Awstralja u, fil-fehma tal-qorti, mhux biss dan l-oneru ma ntgħelibx iżda il-provi juru x'aktarx il-kontra.

Għalhekk, ladarba t-tfal qegħdin jinżammu fejn ittieħdu bil-kunsens taż-żewġ ġenituri, u kienet biss inizjattiva unilaterali tal-missier li jfittex li jibdel ir-residenza, ir-"ritenzjoni" tat-tfal f'Malta ma hijiex illeċita skond il-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad it-talba magħmula fir-rikors, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------